MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 129/2010

**Public Broadcasting Services Ltd.**
**(C – 13140)**

**vs**

**Mecca Enterprises Ltd.**
**(C – 46555)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghal-hlas ta’ erbat elef, mija u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmi (€4,150.85), rapprezentanti prezz ta’ servizzi ta’ reklamar rezi lilha fuq il-mezzi taghha tax-xandir, flimkien ma’ l-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702 (3) (b) Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fid-9 ta' Gunju, 2010 meta gew ppresentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, mija u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€4,150.85) bl-imghax legali mill-21 ta' April, 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------